MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Numru 967/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**
**vs**

**JONATHAN SAMMUT**
**MARK CAMILLERI**
**GILBERT JOHN ZAHRA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Jonathan Sammut ta’ 20 sena, iben il-mejjet Annetto u Mary Rose nee’ Attard, imwieled Pieta fis-26 ta’ Ottubru 1985 u joqghod

78, Triq San Luqa, Zurrieq, detentur ta’ Karta ta’ l-Identita bin-numru 532385M;

Mark Camilleri ta’ 18 –il sena, iben Stephen u Catherine nee’ Grech, imwieled Pieta fit-2 ta’ Frar 1988 u joqghod Nru 5, Triq il-Qalliet, M’Scala, detentur ta’ Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 88088M;

Gilbert John Zahra, ta’ 18 –il sena, iben Anthony u Maria Annunziata nee’ Ellul, imwieled Pieta fit-12 ta’ Marzu 1988 u joqghod Goldfinch, Triq G.M. Callus, Zurrieq, detentur ta’ Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 137888M.

Billi gew akkuzati: talli fil-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Lulju 2006 f’San Gwann volontarjament hassryu, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe’ fl-aperturi tal-fabbrika prezentament vakanti sitwata UB 34 fiz-Zona Industrijali ta’ San Gwann, liema hsara li tiskorri l-hamsin lira (Lm 50) izda hija inqas minn hames mitt lira (Lm 500), saret ghad-dannu tal-Malta Industrail Parks Ltd u/ jew persuni ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok GA4 u nnutat li l-imputati kollha m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghhom l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni

taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Geoffrey Azzopardi iddikjara li hu konsapevoli li l-imputati hallsu dak kollu dovut lill-parte civile Malta Industrial Parks Ltd rigward l-akkuza migjuba kontra taghhom. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati kollha l-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Jonathan Sammut, Mark Camilleri u Gilbert John Zahra fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali netta tal-imputati u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Geoffrey Azzopardi iddikjara li hu konsapevoli li l-imputati hallsu dak kollu dovut lill-parte civile Malta Industrial Parks Ltd rigward l-akkuza migjuba kontra taghhom u inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija tillibera lill-imputati Jonathan Sammut, Mark Camilleri u Gilbert John Zahra taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Jonathan Sammut, Mark Camilleri u Gilbert John Zahra l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------